MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 191/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Cioffi**
**Omissis**
**Omissis**

**Illum 11 ta' Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. nhar il-5 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tas-2.30 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu l-Kalkara, ikkommettew serq ta' oggetti, aggravat bil-vjolenza, hin, mezz u bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-

hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), u li saret ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;
3. fl-istess data, u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew ejekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom;

U fl-ahharnett lil **JOSEPH CIOFFI WAHDU**, talli:
4. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal- Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li b’sentenza tal-Qorti datata 19 ta’ Lulju, 1999 gie moghti l-Liberta’ Provizorja li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 21, 22, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati ta’ serq u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmintax (18) il-xahar dan anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ikkundannatu wkoll ihallas is-somma ta’ mitejn u sittin Euro w dsatax-il Euro centezmi (€260.19) ta’ spejjez peritali fi zmien xahar.
Illiberatu mir-reat taht kl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu dan certament kien wiehed dedott alternattivament.
Illiberatu wkoll mill-effetti tar-reat taht l-artikolu 325 in kwantu certament ghalkemm gew misjuba certi danni go fabbrika abbandunata mhux car l-ammont ta’ danni li saru.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. illi l-appellant ma gie qatt indentifikat bhala wiehed mill-persuni li kienu fuq il-lok ta' l-incident, u dan peress li jirrizulta illi x'hin marru fuq il-post il-Pulizija ma sabu lil hadd ghajr liz-zewg imputati l-ohra. Dan gie ammess mill-Ispettur Carmelo Bartolo nnifsu fix-xiehda tieghu;
2. illi l-valur ta' l-oggetti allegatament misruqa baqa' qatt ma gie stabbilit. L-Ewwel Qorti ddikjarat li dan huwa ghal kollox minnu. L-Ewwel Qorti pero' xorta qieset li ma jridx ikollok xi sengha w hila ta' espert biex tivvaluta kwantita' ta' foam. Kien dover tal-prosekuzzjoni illi tipprova, bi stimi jew b'apport ta' perit il-vaur ta' l-istess allegata res furtiva. Fejn m'hemmx il-valur ta' l-oggett allegatament misruq, wiehed ikun qisu qed jitkellem fuq ix-xejn. F'ghajnejn il-ligi, specjalment fil-kamp penali, dan il-foam ma jiswiex aktar minn rixa ladarba ma giex stabbilit il-valur tieghu. Dan kien difett principali li ppekka l-prova tal-prosekuzzjoni;
3. illi l-proprjeta' allegatament misruqa kienet tal-Gvern ta' malta. Ghal darb'ohra minn imkien ma gie konvicentement pruvat illi l-fabbrika in kwistjoni w il-proprjeta' mobbli ta' go fiha kienet tal-Gvern. Se mai, jekk kienet mghoddija lil xi korporazzjoni jew kumpanija parastatali, dan kellu jigi ppruvat. Pero' ma giex. Kif ukoll lanqas ma gie ppruvat, wiehed mill-elementi essenzjali li jikkostitwixxu d-definizzjoni ta' "serq" u cioe'" li t-tehid ta' l-oggett ried isir kontra l-kunsens ta' dak li jkun jaghmel minnu. Minn imkien ma rrizulta illi hadd ma kien ta l-kunsens sabiex jittiehed dan il-kwantita' ta' foam minn gol-fabbrika in kwistjoni. Jibqa' ghalhekk illi wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa nieqes;
4. illi lanqas ma gie ppruvat sodisfacentement illi propju l-appellant kellu l-*mens rea* illi jisraq l-oggetti in kwistjoni. Fl-ewwel lok l-appellant lanqas biss kien fuq il-post ta' l-allegat serq. Huwa veru li l-appellant kera van, flimkien ma terz, minghand FX Garage, u li sussegwentement instab fil-lok ta' l-allegat serq, pero' l-

prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova n-*nexsus* bejn il-kiri ta' dan il-van u l-allegat serq, ghall-inqas fil-konfront ta' l-appellant Joseph Cioffi;

5. illi l-prosekuzzjoni sahqet li dan l-allegat serq kien aggravat b'diversi cirkostanzi, liema cirkostanzi pero' ma kienux jezistu. Fost ohrajn l-appellant gie akkuzat b'serq aggravat bil-vjolenza, bil-persuna, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, li certament mhuwiex il-kaz, u anke hawn, fil-kaz li l-appellant jinstab hati, ghandu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena, minhabba li dan serq aggravat fis-sens fuq imsemmi ma jezistix;

6. illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant ukoll b'recidivita', w dan il-fatt l-Ewwel Qorti haditu in konsiderazzjoni, meta waslet biex infliggiet il-piena, w dan proprju ghax l-appellant infliggietlu piena ferma differenti minn dik tal-ko-imputati. Ma rrizulta minn imkien mill-atti pero' li s-sentenza msemmija, w cioe' dik tad-19 ta' Lulju, 1999 giet b'xi mod reza definittiva, w dan ghaliex ma giex pruvat li dik is-sentenza ma kienx sar ebda appell minnha. F'dan il-kaz allura, din is-sentenza ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni;

7. illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija wkoll monka in kwantu l-ligi ma tahsibx ghal piena "karcerarja" izda ghal piena ta' prigunerija.

Ikkunsidrat :

Huwa illi hu qatt ma gie identifikat fuq il-post tas-serqa, l-ghaliex meta marru l-Pulizija fuq rapport illi kienet qeghda ssir serqa minn fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli, sabu biss zewg persuni ohra izda mhux l-appellant. Dan ta' l-ahhar jammetti illi huwa kera f'ismu l-van illi ntuzat ghas-serqa izda d-difiza argumentat illi m'hemmx *nexsus* bejn il-kiri tal-van u l-allegat serqa.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti rat l-atti tal-process inkluza l-istqarrija tal-appellant (a fol. 77 tal-process verbal) esebit ma' dawn l-atti, issib illi l-appellant spjega l-operat tieghu f'din il-vicenda sa l-anqas dettall, spjega kif mar jikri f'ismu l-karozza minghand FX Garage mbaghad flimkien ma huh

Roderick u iehor Frans marru l-fabbrika. Fi kliem l-istess appellant “wara li dhalna gol-fabbrika tlajna fuq raff fejn kien hemm il-foam li morna biex nisirqu w kif konna hemm qbadna bosta bicciet minn dan il-foam illi kien hemm u waddabnih minn got-tieqa ghal isfel bl-iskop li ngorruh u nippakkjawh gol-van li konna krejna.” Spjega illi waqt li kienu f’din l-operazzjoni lemhu lill-Pulizija w li l-appellant telaq jigri ghal rasu w mar jinheba go ghalqa fejn dam sal-erba’ tal-ghada filghodu. Ghall-habta tas-7.30 ta’ filghaxija tas-6 ta’ Marzu 2001 irritorna lura ghand ommu fejn qaltlu li l-Pulizija kienu qeghdin iffittxuh u ddecieda li jmur wahdu l-ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla.

Ir-refurtiva giet rikoverata miill-Pulizija biex tigi esebita fl-atti tal-process verbal fejn il-Perit Richard Aquilina li gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti ta stima ta’ ghoxrin lira (LM20) l-bicca foam.

Din l-istqarrija hija ferm kompromettenti fil-konfront tal-appellant u filwaqt illi huwa minnu illi skond gurisprudenza ricenti kundanna bbazata biss fuq stqarrija li ma tkunx saret bl-assistenza ta’ avukat tista’ tkun ta’ detriment ghal drittijiet tal-akkuzat, sakemm il-kaz ma jkunx ikorroborat minn xhieda w evidenza ohra (Pulizija vs Lombardi 9 ta’ Ottubru 2004), din il-Qorti ssib illi f’dan il-kaz tezisti din il-kooroborazzjoni bil-fatti speci tac-cirkostanzi tas-serqa.

Irrizulta illi huwa minnu illi l-appellant kera l-vann minghand FX Borg ghall-ammont ta’ ghoxrin lira (LM20). Il-vann instab fuq il-post fejn kienet qeghda ssir is-serqa w dan abbinat mall-ammissjoni tal-appellant iwasslu lil din il-Qorti ghall-istess konkluzjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti w cioe’ li m’ghandha l-ebda dubju illi l-appellant kien involut fis-serqa li sehhet fis-sit imsemmi w cioe’ Rascola, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara w ittiehdet merkanzija fil-valuri indikati mill-Perit Aquilina fir-relazzjoni pprezentata fl-atti tal-process verbal.

Kuntrarjament ghal dak illi qed jallega l-appellant, l-Qorti ssib illi l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova fi grad li trid il-Ligi n-*nexsus* bejn il-kiri tal-vann u s-serqa fil-fond imsemmi.

Il-bqija l-Qorti ezaminat l-atti tal-process u s-sentenza tal-Ewwel Qorti w ssib illi fl-isfond tal-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Hawnhekk il-qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kirminali fis-6-06-1994 il-Pulizija vs Amadeo Brincat et. fejn gie stabbilit illi “hu principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha”.

Ghalhekk f’dan il-kaz din il-Qorti ma jidhrilix illi ghandha tiddisturba s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------